**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 583/97

Emanuel Vella

vs

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Illum 5 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 huwa sofra ingustizzja fi tnaqqis tas-salarju;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien qaleb mill-korp tal-pulizija ghal mal-gvern u konsegwentement naqsitlu l-paga b'Lm25 fix-xahar;

Illi fl-1991 huwa flimkien ma sittax-il persuna ohra ressqu l-ilment taghhom quddiem il-Prim Ministru ta' dakinhar permezz tal-Union taghhom UHM u gie deciz li l-paga toghla b'Lm19.50 cents bhala "allowance" pensjonabbli minflok Lm25 kemm kienet naqset. Din inghatat minn Novembru 1988;

Illi peress li parti mill-group kien membri fil-UHM u tmienja ohra ma kienux, gara li l-UHM irsistiet biex il-membri taghha jinghataw l-arretrati ta' Lm19.50c mill-1983 u r-rikorrent fost membri ohra thallew barra u ma ha xejn u dan wara li l-ohrajn membri ta' UHM marru quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u nghataw dan ir-rimedju;

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata b'lura dawk l-arretrati ta' Lm19.50 cents fix-xahar mill-21 ta' Lulju 1983 sal-31 ta' Awissu 1991 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li eccepixxa:

Illi l-ilment huwa infondat stante li r-rikorrent sostanzjalment qed jilment li persuni ohra nghataw kumpens wara talba li kienu ghamlu lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mentri hu, li ghamel l-ebda talba quddiem dik il-Kummissjoni ma nghatax.

Huwa car illi, bhas-sistema gudizzjarju s-sistema ta' konsiderazzjoni ta' ilmenti minn organi amministrattivi huwa bazat fuq il-fatt illi l-persuna li thoss ruhha aggravata tressaq l-ilment taghha quddiem l-awtorita` kompetenti. Min ma jressaqx tali ilment jaccetta l-istat ta' fatt vigenti.

Jekk ir-rikorrent qatt ma ressaq l-ilment tieghu lill-Kummissjoni u ma kien hemm u lanqas seta jkun hemm ebda rakkomandazzjoni fil-konfront tieghu.

Skond l-Artikolu 5(3)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji m'ghandux gurisdizzjoni biex jissindika l-operat tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u ghalhekk il-meritu tad-decizjoni ta' dik il-Kummissjoni, del resto moghtija fil-konfront ta' nies ohra, ma huwiex diskutibbli f'din il-kawza.

Di piu' peress illi l-allegata ingustizzja li saret mar-rikorrent tirrisali ghall-1983 (dan jixhdu l-fatt illi r-rikorrent qed jitlob

arretrati mill-21 ta' Lulju 1983) dan it-Tribunal huwa ukoll eskluz milli jiehu konjizzjoni tar-rikors "ratione temporis".

Illi ghandu jinghad ukoll illi r-rikorrent kien wiehed minn numru ta' Pulizija li kienu nstabu li ma kienux fizikament f'posizzjoni li jkomplu fix-xoghol taghhom ta' Pulizija u b'koncessjoni specjali gew assenjati xoghol klerikali f'dipartimenti ohra tal-Gvern. Dan it-trasferiment sehh fit-3 ta' Dicembru 1981. Fit-28 ta' Frar 1984 ir-rikorrent inhatar "supervisor" fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Fis-17 ta' Novembru 1988 inghatat koncessjoni ohra fis-sens li dawn l-ex Pulizija nghataw "allowance" specjali (pensjonabbli) b'effett mill-1 ta' Novembru 1988. Taht din il-koncessjoni ulterjuri r-rikorrent ircieva "allowance" ta' Lm234 fis-sena.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent u kkonferma l-ezattezza tar-rikors tieghu. Semma li kien jahdem mal-pulizija u bhala pulizija u semma li fl-

1983 kien gie mgieghel jirrizenja mis-Sur Maurice Borg li kien l-ajjutant tal-Kummissarju ta` dak iz-zmien li kien Dr. Lawrence Pullicino. Kienu qalulhom jirrizenjaw minhabba li kienu ghaddew bord mediku. Hu kien gie trasferit id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u spicca supervisor. Zied jghid "il-paga kienet naqsitli xi LM20, LM25 minhabba f` hekk pero` in segwitu kienu tawna allowance ta` LM19. L-allowance ta` LM19 hadtha fl-1988 u ghalhekk bejn 1983 u l-1988 jiena ma kontx qieghed niehu dawn id-LM19.

Mill-1988 dejjem bqajt inbati dawk is-LM6 differenza ta` bejn LM19 ghal LM25. Kien hemm xi nies li kienu bhalna li kienu marru quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji izda jiena ma kontx mort. Dawn kienu spiccaw li nghataw somma ta` flus, l-ammont ghad-differenza li kien hemm ghal dawk is-snin. Jiena peress li ma mortx quddiem il-Kummissjoni spiccajt li dawn il-flus ma hadthom qatt."

Ra d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ta' April 1991 esebita a fol 16 sa 19 tal-process minn fejn jirrizulta li f' paragrafu 4.10 il-Gvern stess issimpatizza mat-talba ta' dawk involuti fir-re grading u li l-Kummissjoni kienet tal-fehema li dak ir-rimedju kien parzjali ghax ghalkemm implika li r-rikorrenti kellhom ragun fit-talba taghhom ir-rimedju ma kienx ezawrjenti biex jikkumpensahom ghall-ingustizzja li sofrew. Ghalhekk il-Kummissjoni kienet hasset li d-differenza kellha tithallas mhux biss minn meta kienet saret it-talba imma hekk kif lahqu l-massimu fil-grad li kienu qieghedin fih. Bhala rimedju l-Kummissjoni kienet irrakkomandat li kull rikorrent kellu jithallas

id-differenza bejn is-salarju li kien jisthoqqlu kieku baqa' fil-Korp tal-Pulizija u s-salarju li effettivament thallas mill-21/7/83 'il quddiem.

Ra li fl-10 ta' Ottubru 2000 Dr. Farrugia ghar-rikorrent iddikjara li t-talba hija limitata mid-9 ta' Mejju 1987. Ukoll fl-istess data Dr. Farrugia ddikjara li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li bejn l-1983 sal-1991 ma nghatax allowance bhal kif inghataw nies ohra fis-sens li hu nghata Lm19.50 fix-xahar u ghadu hekk jinghata sal-lum waqt li nies ohra f' kundizzjonijiet identici nghataw Lm28.75.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-intimat eccepixxa li dwar haddiema ohra li marru quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u gew moghtija kumpens minhabba li l-istess Kummissjoni kienet sabet li saret ingustizzja fil-konfront taghhom, dan mhux applikabbli ghar-rikorrent ghax hu ma kienx istitwixxa proceduri quddiem il-Kummissjoni. Certament bhala fatt dan huwa veru u jekk persuna ma tressaqx ilment ma tistax tigi moghtija kumpens izda t-Tribunal fil-kaz odjern qieghed jezamina jekk hux gust li nies bhar-rikorrent jibqghu minghajr kumpens ghalkemm il-kundizzjonijiet huma identici bhal ta' dawk li hadu kumpens u dan in vista tal-fatt li r-rikorrentipprezenta l-ilment tieghu taht l-Att VIII tal-1997. Certament dan it-Tribunal ma jistax jaghti kumpens lir-rikorrent ghall-perjodu bejn l-1983-1987 u hawn ir-rikorrent sejjer ibati minn dak li eccepixxa l-istess intimat izda t-Tribunal ghandu l-obbligu li jezmina jekk l-ilment hux gustifikat u fil-kaz affermattiv jirrikmanda kumpens ghaz-zmien wara Mejju 1987.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Dwar it-talba tar-rikorrent irrizulta li filwaqt li nies ohra f' kundizzjoni simili li kienu jiffurmaw parti mill-UHM hadu allowance ta' Lm19.50 mill-1983 fil-kaz tar-rikorrenti dan ma kienx il-kaz. It-Tribunal ihoss li ma hux sewwa li r-rikorrent ma giex moghti d-differenza bhal kif hadu l-haddiema l-ohra ghalkemm it-talba naturalment trid tigi limitata mhux kif mitlub fir-rikors mill-1983 izda fit-termini tal-Att minn Mejju 1987.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.